32003R0246

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 246/2003
ta' l-10 ta' Frar 2003
li jadotta l-programm ta' moduli ad hoc, li jkopri s-snin 2004 sa 2006, dwar kampjun ta' stħarriġ tal-forza tax-xogħol kif provdut bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' kampjun ta' stħarriġ tal-forza tax-xogħol fil-Komunità [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kommissjoni (KE) Nru 2104/2002 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skond ir-Regolament (KE) Nru 577/98, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati l-elementi tal-moduli *ad hoc* li jkopru s-snin 2004 sa 2006.

(2) Informazzjoni speċifika ta' statistika hija meħtieġa mill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jiġu żviluppati miżuri adattati ta' politika fl-oqsma ta' l-immodernizzar ta' l-organizzazzjoni tax-xogħol [3], ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja tal-familja [4] u x-xjuħija attiva [5].

(3) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Programm Statistiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-programm tal-kampjun ta' l-istħarriġ tal-moduli *ad hoc* tal-forza tax-xogħol, li jkopru s-snin 2004 sa 2006, kif preskritti fl-Anness huma b'dan adottati.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Frar 2003.

Għall-Kummissjoni

Pedro SOLBES MIRA

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 77, ta' l-14.3.1998, pġ. 3.
(2) ĠU L 324, tad-29.11.2002, pġ. 14.
(3) ĠU L 60, 1.3.2002, pġ. 67.
(4) ĠU C 218, tal-31.7.2000, pġ. 5.
(5) ĠU L 60, ta' l-1.3.2002, pġ. 64.

ANNESS

STĦARRIĠ TAL-FORZA TAX-XOGĦOL

PROGRAMM MULTI ANNWALI TA' MODULI AD HOC

1. **Organizzazzjoni tax-xogħol u arranġamenti tax-xogħol**

Listi ta' varjabbli: li għandhom ikunu definiti qabel Marzu 2003

Perjodu ta' referenza: it-tieni kwart ta' l-2004. Iżda, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu tagħrif b'referenza għat-52 ġimgħat tas-sena meta s-sub-kampjun għall-modula *ad hoc* jiġi magħżul fuq il-bażi ta' struttura mmewġa tal-kampjun.

L-Istati Membri u r-reġjuni konċernati: għandhom ikunu definiti

Kampjun: l-ewwel kwart tal-kampjun sħiħ meħtieġ biex iħares il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 577/98. Iżda meta t-52 ġimgħa kollha jibnu l-perjodu ta' referenza, id-daqs tal-kampjun għandu ta' l-anqas ikun 15 % tal-kampjun sħiħ meħtieġ biex iħares il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 577/98. Fejn l-unità tal-kampjun tkun individwali, ebda tagħrif dwar il-membri l-oħra tal-familja ma huwa meħtieġ.

Trasmissjoni tar-riżultati: qabel il-31 ta' Marzu 2005.

2. **Rikonċiljazzjoni ta' xogħol u l-ħajja tal-familja**

Listi ta' varjabbli: li għandhom ikunu definiti qabel Marzu 2004

Perjodu ta' referenza: it-tieni kwart ta' *l-2005*. Iżda, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu tagħrif b'referenza għat-52 ġimgħa tas-sena meta s-subkampjun tal-modula *ad hoc* jiġi magħżul fuq il-bażi ta' struttura mmewġa tal-kampjun.

L-Istati Membri u r-reġjuni konċernati: għandhom ikunu definiti

Kampjun: l-ewwel kwart tal-kampjun sħiħ meħtieġ biex iħares il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 577/98. Iżda meta t-52 ġimgħa kollha jibnu l-perjodu ta' referenza, id-daqs tal-kampjun għandu ta' l-anqas ikun 15 % tal-kampjun sħiħ meħtieġ biex iħares il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 577/98. Fejn l-unità tal-kampjun tkun individwali, ebda tagħrif dwar il-membri l-oħra tal-familja ma huwa meħtieġ.

Trasmissjoni tar-riżultati: qabel il-31 ta' Marzu 2006.

3. **Transizzjoni mix-xogħol għall-irtirar**

Listi ta' varjabbli: li għandhom ikunu definiti qabel Marzu 2005

Perjodu ta' referenza: it-tieni kwart ta' l-2006. Iżda, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu tagħrif b'referenza għat-52 tas-sena meta s-subkampjun tal-modula ad hoc jiġi magħżul fuq il-bażi ta' struttura mmewġa tal-kampjun.

L-Istati Membri u r-reġjuni konċernati: għandhom ikunu definiti

Kampjun: kwart tal-kampjun meħtieġ biex iħares il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 577/98. Il-kampjun ta' din il-modula jikkonsisti biss f'persuni ta' età bejn 50 u 74. Iżda, meta t-52 ġimgħa kollha jibnu kampjun ta' referenza, id-daqs tal-kampjun għandu jkun ta' l-anqas 15 % tal-kampjun meħtieġ biex iħares il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 577/98. Meta l-unità tal-kampjun tkun l-individwu, ebda tagħrif dwar il-membri l-oħra tal-familja ma huma meħtieġa.

Trasmissjoni tar-riżultati: qabel il-31 ta' Marzu 2007.